MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Illum it-2 ta' Settembru, 2020

Rikors Numru 502/2020 LM

Wara l-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 776/2020 fl-ismijiet:

**Av. Cedric Mifsud (K.I. 196979M)**
**għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Acemar AG**

***vs.***

**FIMBank plc (C 17003)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **FIMBank plc** (minn issa 'l quddiem "FIMBank") *ai termini* tal-artikoli 836(1)(b) u/jew 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid kif ġej:

1. *Fil-25 ta' Ġunju 2020, FIMBank ġiet infurmata minn banek oħra illi kien ġie notifikat lilhom il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 775/2020 fl-istess ismijiet fl-ammont ta' €841,941.45. Iktar tard dak il-jum, FIMBank ġie nnotifikat ukoll bil-mandat ta' qbid kawtelatorju in kwistjoni għall-istess ammont. Dwar il-*

*mandat ta' sekwestru bin-numru 775/2020, qiegħed jiġi ppreżentat rikors ieħor għar-revoka tiegħu.*

2. *Qabel ma FIMBank ser telenka t-talbiet tagħha u r-raġunijiet li jsostnuhom, brevement ser tagħti ftit sfond ta' kif twieldet il-vertenza odjerna bejn il-partijiet. Il-kwistjoni bejn il-partijiet tirriżulta minn pagament li sar fil-21 ta' April 2020 mis-soċjetà FIMBank fl-ammont likwidat u kawtelat fl-istess mandat. Il-pagament sar fuq struzzjonijiet ta' Acemar AG ("**Acemar**") lil FIMBank. Irriżulta sussegwente-ment li s-sistema kompjuterizzata ta' Acemar kienet ġiet* hacked *u jidher li l-istruzzjonijiet, allura, kienu trasmessi minn* hacker. *Per konsegwenza Acemar tikkontendi li l-Bank kien negliġenti u kiser l-artikoli 19Ċ u 19D tal-Kap. 371 meta ttrasferixxa l-flus. FIMBank min-naħa tagħha rrespinġiet bil-qawwa l-allegazzjonijiet u infurmat lil Acemar li hi ttrasferiet il-flus skont il-prattiċi li normalment jiġu adoperati fis-sistema bankarja kif ukoll bejn il-partijiet u li l-bank segwa kull proċedura neċessarja. Kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet f'dawn l-aħħar xhur, ittra uffiċjali li ġiet ippreżentata minn Acemar AG fl-20 ta' Mejju 2020 u risposta li ġiet ippreżentata fl-10 ta' Ġunju 2020 (għal kull buon fini kopja tal-korrispondenza u tal-ittra uffiċjali hija hawn annessa ma' dan ir-rikors u qed tiġi mmarkata bħala **Dok. FMB1**). Wara dawn ix-xhur li l-partijiet kienu qed jiskambjaw din il-korrispondenza, Acemar dehrilha li kien hemm lok għal talba għall-ħruġ tal-mandat ta' qbid.*

3. *Is-soċjetà FIMBank qed tressaq dan ir-rikors għar-revoka a bażi tal-Artikolu 836(1)(b) u/jew 836(1)(f) għas-segwenti raġunijiet:*

   *A Il-mandat ta' qbid kawtelatorju ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi u huwa nieqes minn ċertu elementi li huma neċessarji u imposti mil-liġi għall-ħruġ tiegħu; u /jew*

   *B Mingħajr preġudizzju, ma hemm l-ebda ħjiel jew riskju li l-kreditu pretiż minn Acemar jista' jiġi eluż u addizzjonalment minħabba l-fatt li ż-żamm fis-seħħ tal-mandat in kwistjoni mhuwiex raġonevoli li dan jinżamm fis-seħħ, mhuwiex meħtieġ u lanqas mhuwa ġustifikabbli.*

   Il-mandat ta' qbid ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi u għaldaqstant għandu jiġi revokat

4. *FIMBank tissottometti li Acemar naqset milli tissodisfa r-rekwiżiti tal-artikoli 846 u l-artikoli 282(a)(ii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mandat, għandu jiġi indikat b'mod ċar x'inhuma l-oġġetti li l-kreditur ikun qed jipprova jaqbad, fejn qed jipprova jaqbadhom, għandu wkoll jindika b'mod preċiż liema għandhom ikunu l-oġġetti hekk maqbuda. Dan, Acemar ma tagħmlux. Minflok, fil-parti fejn wieħed suppost illi kellu jindika l-indirizz fejn tali mandat ta' qbid għandu jiġi eżegwit, is-soċjetà indikata bħala kreditriċi fuq tali mandat, niżżlet biss kważi* 'sidenote'*, il-*

*kliem "flus kontanti" mingħajr ma tispeċifika xejn aktar. Fil-fatt, il-mandat lanqas biss ġie eżegwit minn uffiċjal tal-Qorti. Kull ma jirriżulta huwa li saret notifika tal-mandat in kwistjoni iżda l-qbid ta' xi oġġetti ma sarux.*

Flus kontanti m'għandhomx ikunu suġġetti għall-qbid

5. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, FIMBank tissottometti umilment li,* ai termini *tal-liġi, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, mandat ta' qbid jista' jintuża biss fir-rigward ta' proprjetà mobbli li hija tanġibbli, u li wara li tiġi maqbuda – u jekk jirriżulta li l-pretensjoni tal-kreditur hija meritata – il-proprjetà tista' tinbiegħ bis-subbasta sabiex tagħmel tajjeb għad-dejn dovut lill-kreditur. Fil-fatt, minn qari tal-artikolu 282 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (li skont l-artikolu 846 tal-Kap. 12 japplikaw ukoll għall-mandati ta' qbid kawtelatorji) jirriżulta li għandhom jinqabdu biss oġġetti tanġibbli li jistgħu jiġu maqbuda minn uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti. Il-liġi tirrikjedi ukoll li, fejn hemm bżonn ta' elevazzjoni tal-oġġetti mobbli, imbagħad jitqabbad kunsinnatarju. Sussegwentement, f'każ li l-kreditu pretiż mill-kreditur jiġi kanonizzat permezz ta' sentenza, il-kreditur jista' jgħaddi biex ibiegħ b'subbasta l-ħwejjeġ mobbli skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi. Issa f'dan il-każ, x'jiġri minn flejjes maqbuda, jekk fl-aħjar ipotesi għal Acemar il-Qorti ssib favuriha f'kawża fil-mertu? Skont il-liġi, l-oġġetti maqbuda għandhom jinbiegħu permezz ta' subbasta – iżda fil-verità l-flus kontanti ma jistgħux jinbiegħu b'dak il-mod. Il-liġi ma tagħtix fakultà lill-kreditur li japproprja dawk il-flejjes maqbuda hu stess għas-saldu tal-kreditu tiegħu. Għaldaqstant, jiġi umilment sottomess li, il-qbid ta' dawn il-flus mhuwiex permissibbli.*

6. *Fis-sentenza* ***Hi Timber Company Limited*** **vs** ***Charles Zahra***[1]*, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, il-Qorti sabet li ishma ma setgħux ikunu soġġettti għal mandat ta' qbid*[2]*:*

   "Għalkemm huwa minnu illi biex ikun jista' jseħħ bejgħ subbasta ta' ħwejjeġ mobbli dawk il-ħwejjeġ għandhom ikunu fiżikament fis-setgħa tal-Qorti, għax il-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa lix-xerrej issir bil-għoti lilu tal-ħaġa, u dan ma jkunx jista' jsir jekk il-ħaġa ma tkunx fiżikament disponibbli, madanakollu, min-natura tal-affarijiet, bis-saħħa ta' mandat ta' qbid jistgħu jinqabdu biss ħwejjeġ mobbli tanġibbli. L-ishma f'soċjetà sakemm ma jkunux inkorporati f'titolu għall-portatur huma beni astratti u ma jistgħux jinqabdu fiżikament. Għaldaqstant, mhux biss ma jistgħux jinqabdu b'mandat ta' qbid iżda dan lanqas ma hu meħtieġ qabel ma jistgħu jinbiegħu subbasta."

7. *Il-Qorti kienet ċara f'dan ir-rigward u tgħid li mandat ta' qbid jista' jintuża għall-ħwejjeġ mobbli tanġibbli u mhux ġid intanġibbli bħal ma huma l-flus kontanti li ma jistgħux jinbiegħu għaliex huma* res fungibiles. *Fil-fatt, fis-snin ta' wara din is-*

[1] 3 ta' Mejju 2002; Ċitazzjoni 432/2000

[2] F'dak iż-żmien l-artikolu (???)

*sentenza, il-leġislatur ħass il-ħtieġa li jemenda l-liġi dwar il-mandat ta' qbid sabiex jinkludi azzjonijiet u ishma f'kumpanniji, liċenzji u poloz ta' assikurazzjoni u titolu ta' kreditu. Iżda f'dan ir-rigward, il-liġi issa tipprovdi l-oġġetti kif għandu jiġi maqbud u tirregola ukoll il-mod speċifiku kif dawn il-proprjetajiet – li llum il-ġurnata jistgħu jiġu maqbuda (nonostante l-intanġibbilità tagħhom) permezz ta' dispożizzjoni speċifika tal-liġi – jistgħu jinbiegħu permezz ta' subbasta.*[3]

8. *Għal dawn ir-raġunijiet biss, il-mandat għandu jiġi rrevokat.*

Ma hemm l-ebda ħjiel jew riskju li l-kreditu pretiż jista' jiġi eluż

9. *Apparti kwistjonijiet ta' nuqqas ta' formalità, u* dato ma non concesso *li din l-Onorabbli Qorti ssib li l-mandat ta' qbid japplika fir-rigward ta' flus kontanti, FIMBank tissottometti, mingħajr preġudizzju, li ma hemm l-ebda raġuni l-għaliex il-mandat għandu jibqa' fis-seħħ u jeżistu raġunijiet addizzjonali* ai termini *tal-Artikolu 836(1)(f) għar-revoka tiegħu.*

10. *It-talba għall-ħruġ tal-mandati kawtelatorji għandhom isiru biss kemm-il darba ċ-ċirkostanzi tad-debitur jagħtu x'jifhem lill-kreditur li l-pretensjoni tiegħu mhix ser tiġi onorata u kif sostniet il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili:*

    "Ma għandux jinħareġ biex iġib l-allegat debitur għarkubbtejh bid-dovut rigward għad-drittijiet tal-allegat kreditur illi **jekk ikollu indizji ċari li l-kreditu tiegħu jista' jiġi eluż** (kif kien jingħad fir-rikorsi għall-ħruġ tagħhom antikament, u ċioe qabel ir-rikorsi saru formoli apposta) ikun jista' jitlob miżuri maħsuba mill-istess liġi biex jipproteġi d-drittijiet tiegħu."[4]

11. *Dan fil-każ odjern żgur mhux il-każ.*

12. *FIMBank hija* public limited company *bl-ishma tagħha kkwotati fuq l-*Istock Exchange. *Hija ukoll liċenzjata bħala* credit institution *taħt il-Banking Act 1994. Kemm fis-suq lokali u wkoll internazzjonalment, il-bank FIMBank plc huwa rinomat li ma jħalli ebda dubbju dwar is-solvenza tiegħu.*

13. *Dan l-għarfien mhuwiex biss wieħed ibbażat fuq ir-reputazzjoni tal-bank sa mill-bidu tal-operat tiegħu, iżda wkoll għaliex minn qari* prima facie *tal-accounts pubbliċi tal-bank esponenti jirriżulta li l-assi tal-bank jeċċedu bil-bosta d-djun – u dan kif jirriżulta mill-anness dokument intestat "*Statement of Financial Position" *għas-sena li tagħlaq f'Diċembru tal-2019. Dan id-dokument li l-esponent qed jippreżenta u jimmarka bħala* ***Dok. FMB 2*** *huwa estratt mill-*accounts *tal-bank esponenti għall-istess sena.*

---

[3] Ara l-Artikolu 285.

[4] General Company Limited *vs* Kunsill Lokali tal-Mosta deċiż mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Frar 2020. Enfasi miżjuda mill-esponent.

14. *Jingħad li lanqas li kellha tagħmel Acemar, jekk tassew kellha dubju dwar l-eżekuzzjoni tal-pretensjoni tagħha kemm-il darba din tiġi kkonfermata, hija li tivverifika l-ewwel u qabel xejn il-kotba tal-bank esponenti – minn dan ma kienx jibqalha ebda ħjiel ta' biżgħa li ma kienx jista' jeżegwixxi l-pretensjoni tiegħu. Wara kollox, fil-kummerċ hija prattika normali li wieħed dejjem jassumi l-likwidità ta' bank (sakemm ma hemmx prova oħra kontrarja). Tant hu hekk, li l-Qrati tagħna jaċċettaw garanziji bankarji maħruġin minn banek bħal ma hu FIMBank bħala assigurazzjoni adegwata sabiex solitament jitneħħa mandat. L-operat tal-bank fih innifsu, u fil-każ odjern, bl-ishma fuq l-*Istock Exchange *ma għandu jħalli ebda dubbju li l-pretensjoni ta' kwalunkwe debitur tista' tiġi eluża. Dan huwa rekwiżit fundamentali li fuqu, u fuqu biss, għandu jittieħed ġurament sabiex jintalab il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru. It-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru ma għandhiex tkun ibbażata fuq il-leġġerezza iżda primarjament fuq il-ġurament tad-debitur li ġenwinament għandu jkollu biżgħa li l-pretensjoni tiegħu tiġi eluża.*

15. *Anke li, f'xi ipotesi estrema, kieku kienet teħtieġ assigurazzjoni li l-kreditu tagħha ma kienx ser jiġi eluż, Acemar kellha, qabel xejn, almenu tavviċina lill-istess bank u titolbu garanzija adegwata għal din il-pretensjoni – anke jekk din mhix għajr l-istess solvenza tal-bank esponenti. Mhux hekk però għażlet li tagħmel Acemar. Għażlet minflok li toħroġ mandat ta' qbid flimkien ma' mandat ta' sekwestru bl-intiża li taħsad lill-bank fl-operat ġornaljier tiegħu u tikkawżalu problemi ta' natura operazzjonali mal-banek l-oħra u l-mod kif jaħdmu ma' xulxin ta' kuljum, apparti ħsara reputazzjonali f'suq bħal ma hu dan is-suq finanzjarju.*

16. *Is-soċjetà esponenti stess, fl-2011 kellha sitwazzjoni simili fejn kreditur ippreżenta mandat ta' sekwestru fl-ammont ta' €20,481,850. Meta ġara hekk, il-bank esponenti ipproċeda billi ressaq rikors urġenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, ippresjeduta mill-Imħallef Mark Chetcuti fejn talbet ir-revoka tal-mandat in kwistjoni. Permezz ta' digriet datat l-4 ta' Lulju 2011, l-Onorabbli Qorti iddekretat li:*

    "Tilqa' t-talba provviżorjament fis-sens li tordna s-sospensjoni tal-effetti tal-mandat ta' sekwestru msemmi. Tordna n-notifika immedjata ta' dan ir-rikors u digriet lis-soċjetà intimata Azrow International Trading Company Limited li jkollha sa nhar l-Erbgħa 6 ta' Lulju 2011 sal-10.00am biex tirrispondi u tordna wkoll in-notifika immedjata ta' dan ir-rikors u digriet lil istituzzjonijiet finanzjarji sekwestratarji."

17. *Fis-17 ta' Lulju 2011, l-Onorabbli Qorti laqgħet b'mod definittiv it-talba għar-revoka tal-mandat:*

"Il-Qorti, filwaqt li ssostni illi mandat hu rimedju f'idejn kreditur biex jassigura li d-dritt tiegħu mhux ser jiġi eluż u darba użat bi prudenza u b'responsabbilità ma għandux jitneħħa jekk mhux għal raġuni li l-liġi stess telenka bħala ġustifikazzjoni għat-tneħħija, mill-banda l-oħra ma jistax ma jingħatax importanza adegwata għall-effetti li mandat jista' jkollu mhux biss fuq id-debitur u s-solvenza tiegħu, pendenti eżitu finali fuq il-vertenza, iżda wkoll fuq l-istess kreditur u l-kreditu li qed jipprova jipproteġi.

Kull każ għandu l-fattispeċi tiegħu u mhux kull każ għandu per forza jaqa' taħt kategorija waħda sempliċiment għax il-fatti jistgħu jidhru dawk normalment riskontrati f'kawtela ta' kreditu.

F'dan il-każ l-enfasi tal-partijiet hi fuq is-solidità tal-bank li kapaċi in teorija tassorbi sentenza kontriha fuq il-mertu għall-ammonti indikati fil-kawża esklużi danni u imgħaxijiet ...

... dak li trid tifli sew din il-Qorti hu jekk hemmx prova ċara u konvinċenti li l-kreditu tal-kumpannija jekk ma jiġix kawtelat kif mitlub, hux ser jiġi eluż minħabba l-pożizzjoni finanzjarja tad-debitur jew raġunijiet oħra tenut kont biss tal-fatti miġjuba quddiemha ...

... meta l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ma tħossx li l-mandat hu neċessarju li jinżamm in vigore f'dan l-istadju u b'dawn il-fatti u għalkemm tifhem l-utilità għal kreditur li juża dan il-mezz legali in kawtela tad-dritt tiegħu, però l-utilità trid tissokkombi għan-neċessità u wkoll ġustifikazzjoni li jinżamm fis-seħħ fil-konfront tad-debitur potenzjali meta ma hemmx il-prova konvinċenti li n-nuqqas taż-żamma tal-mandat *in vigore* ser ifisser it-telf in prattika tad-dritt li l-kreditur qed jikkawtela."

18. *Il-Qorti, għaldaqstant, fuq talba għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru sabiex jikkawtela ammont ferm ogħla minn dan li għandha quddiemha llum, irrevokat il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru.*

19. *Għal dawn ir-raġunijiet kollha, FIMBank plc qed titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti sabiex* ai termini *tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tħassar u tirrevoka fl-intier tiegħu dan il-mandat ta' qbid kawtelatorju stante li mhuwiex raġonevoli li dan jinżamm fis-seħħ, huwiex meħtieġ u lanqas ma huwa ġustifikabbli.*

20. *Għaldaqstant, FIMBank titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tħassar u tirrevoka fl-intier tiegħu l-mandat ta' sekwestru numru 776/2020 a bażi tal-artikolu 836(1)(b) u/jew 836(1)(f) tal-Kap. 12*

*Bl-ispejjeż.*

Rat ir-risposta tal-Av. Cedric Mifsud (K.I. 196979M), għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera **Acemar AG** li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Lulju 2020, li biha eċċepixxa:

*Illi din hija risposta għar-rikors ta' FIMBank plc fejn intalbet ir-revoka tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 776/2020 fl-ismijiet* ***Av. Cedric Mifsud (K.I. 196979M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Acemar AG vs FIMBank plc C 17003*** *li ġie akkordat fl-24 ta' Ġunju 2020;*

1. *Illi preliminarjament is-soċjetà rikorrent tikkontendi li l-pagament li dwaru inqalgħet il-kwestjoni bejn il-partijiet seħħ nhar l-20 ta' April 2020 u mhux fil-21 ta' April 2020 kif dedott fir-rikors revoka tas-soċjetà intimata.*
2. *Illi għall-fini ta' kjarezza; minkejja li s-soċjetà intimata tressaq l-argumenti għar-rikors revoka a bażi tal-Artikolu 836(1)(b) u/jew 836(1)(f), fit-talbiet tagħha s-soċjetà intimata f'paragrafu 19, titlob li l-Onorabbli Qorti tħassar u tirrevoka fl-intier tiegħu dan il-mandat ta' qbid kawtelatorju a bażi tal-Artikolu 836(1)(f) biss;*
3. *Illi addizzjonalment, f'paragrafu numru 20, titlob sabiex din l-Onorabbli Qorti tħassar u tirrevoka fl-intier tiegħu l-mandat ta' sekwestru a bażi ta' Artikolu 836(1)(b) u/jew Artikolu 836(1)(f); mentri fir-rikors revoka bin-numru 501/20LM it-talba keinet sabiex jitħassar u jiġi rrevokat il-mandat ta' sekwestru a bażi ta' Artikolu 836(1)(f) li erronjament ġie indikat bħala Artikolu 831(1)(f);*
4. *Illi nonostante s-suespost, is-soċjetà rikorrent ser tgħaddi sabiex tressaq l-argumenti tagħha favur iż-żamma fis-seħħ tal-mandat ta' qbid kawtelatorju a bażi tal-Artikolu 836(1)(b) u/jew 836(1)(f) a skans ta' kull ekwivoku;*
5. *Illi fuq il-fatti, is-soċjetà rikorrent ma taqbilx mal-fatti kif dedotti mis-soċjetà intimata u dan għas-segwenti raġunijiet:*
   a. *Illi s-soċjetà rikorrent bagħtet struzzjonijiet lill-FIMBank plc sabiex jiġu trasferiti disa' mija u ħamsin elf Dollaru Amerikan ($950,000) mill-kont tas-soċjetà rikorrent għal kont ieħor tal-istess soċjetà li jinsab mal-Banque Cantonale de Geneve fl-Iżvizzera, u mal-ebda bank ieħor;*
   b. *Illi l-istruzzjonijiet sabiex dan it-trasferiment jgħaddi għand Bank Kroat u mhux għand il-Bank Żvizzeru suindikat ma kinux ġejjin mis-soċjetà rikorrent iżda dawn kienu riżultat ta' ksur fis-sigurtà tas-sistema tal-posta elettronika tas-soċjetà intimata;*
   c. *Illi* hacker *interċetta l-komunikazzjonijiet bejn is-soċjetajiet u rnexxielu jidderiġi lis-soċjetà intimata sabiex is-somma ta' disa' mija u ħamsin elf Dollaru Amerikan ($950,000) jiġu trasferiti f'Bank Kroat;*

d. *Illi tant hu hekk, li nhar il-25 ta' Mejju 2020 s-soċjetà intimata ħarġet komunika mal-klijenti bankarji tagħha tavża li kien sar attentat ta'* phishing;

e. *Illi s-soċjetà rikorrent apparti l-fatt li ilha tuża s-servizzi tas-soċjetà intimata, ma għandhiex kont bankarju Kroat, għaldaqstant is-soċjetà intimata setgħet tinduna li struzzjonijiet sabiex isir trasferiment f'kont bankarju Kroat ma setgħux kienu ġejjin mis-soċjetà rikorrent.*

***Artikolu 836(1)(b)***

6. *Illi b'referenza għal Artikolu 836(1)(b) l-ħruġ tal-mandat ta' qbid kawtelatorju jissodisfa r-rekwiżiti tal-liġi;*

7. *Illi s-soċjetà rikorrent talbet il-ħruġ ta' mandat ta' qbid kawtelatorju kontestwalment mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. B'dawn l-azzjonijiet is-soċjetà rikorrent kienet konsapevoli li hemm possibilità li l-pretensjonijiet tagħha setgħu jiġu kkawtelati. Għaldaqstant saret biss notifika tal-mandat ta' qbid, lis-soċjetà intimata sabiex il-flus jinqabdu fil-post, però ma ħassitx il-ħtieġa li titlob l-elevazzjoni tagħhom ukoll. Illi b'daqshekk ma jfissirx li l-mandat ta' qbid ma sarx skont il-liġi, iżda sempliċiment ma ġiex attwat il-proċess kollu;*

8. *Illi addizzjonalment, flus kontanti huma suġġetti għal qbid, għal kuntrarju ta' dak allegat mis-soċjetà intimata f'paragrafu 5 tar-rikors. Tant hu hekk, li Artikolu 284(2)(b) jiddeskrivi l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid speċifikament meta jinqabdu flus. Fejn l-uffiċjal eżekuttiv huwa obbligat li 'jniżżel l-ammont ... u jqiegħedhom f'ċedola fir-reġistru';*

9. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, li kieku Artikolu 284(2)(b) ma kienx jeżisti u jrid jiġi applikat Artikolu 285 għall-każ, hekk kif qed jiġi implikat f'paragrafu 6 u 7 tar-rikors tas-soċjetà intimata, wieħed jinnota l-użu tat-termini 'inklużi wkoll' qabel l-artikolu jgħaddi biex jelenka ħwejjeġ mobbli addizzjonali soġġetti għall-qbid. Din il-lista hija għaldaqstant waħda inklussiva u mhux eżawrjenti b'hekk l-interpretazzjoni tagħha tista' tiġi estiża għal ħwejjeġ oħra;*

10. *Illi li kieku l-leġislatur ried jillimita l-applikazzjoni ta' Artikolu 285 restrittivament għal azzjonijiet u ishma f'soċjetà kummerċjali, liċenzji maħruġa minn xi awtorità, poloz ta' assigurazzjoni u titoli ta' kreditu l-Artikolu kien ikun miktub fil-forma ta' Artikolu 293.*

11. *Illi aktar minn hekk, Artikolu 293 jipprovdi lista eżawrjenti ta' ħwejjeġ li mhumiex soġġetti għal qbid, u fl-ebda paragrafu f'dan l-Artikolu ma jissemmew flus kontanti.*

12. *Illi a bażi tas-suespost, ma hemm l-ebda raġuni bil-liġi għalfejn mandat ta' qbid ma jistax jinħareġ sabiex jinqabdu flus kontanti. Tant hu hekk li Artikolu 284(2)(b) saħansitra jistipula l-proċedura li għandha tiġi adottata meta jseħħ dan. Għal*

*dawn ir-raġunijiet, il-mandat odjern jissodisfa r-rekwiżiti legali għall-ħruġ tiegħu u għandu jibqa' fis-seħħ.*

***Artikolu 836(1)(f)***

13. *Illi b'referenza għal* ***Artikolu 836(1)(f)*** *il-ħruġ tal-mandat ta' qbid kawtelatorju kien opportun fiċ-ċirkostanzi u dan għaliex:*

    a. *Minkejja numru ta' korrispondenza bejn is-soċjetajiet bl-iskop li s-soċjetà rikorrent tingħata rimedju, u ċioe li tingħata flusha lura, is-soċjetà intimata bdiet kontinwament tirrespinġi din it-talba u fl-ebda mument ma semmiet li se tħallas lis-soċjetà rikorrent;*

    b. *Illi waqt l-iskambjar ta' korrispondenza bejn is-soċjetajiet, is-soċjetà rikorrent intebħet li l-azzjoni kriminali da parti tas-soċjetà intimata fuq it-trasferiment tas-somma ta' disa' mija u ħamsin elf Dollaru Amerikan ($950,000) mill-kont bankarju tas-soċjetà rikorrent għal kont bankarju fil-Kroazja ttieħdet fit-30 ta' April 2020 u ċioe għaxart ijiem wara l-akkadut;*

    c. *Il-ħruġ ta' mandat ta' qbid kawtelatorju odjern intalab mis-soċjetà rikorrent xahrejn wara l-ewwel korrispondenza bejn is-soċjetajiet (ittra legali datata 27 ta' April 2020), meta rrealizzat li tali korrispondenza, inkluż il-preżentata ta' ittra ġudizzjarja datata 20 ta' Mejju 2020 ma kienu ser iwassluha imkien.*

14. *Illi kif ritenut f'każistika li tittratta Artikolu 836(1)(f);*

    *"Id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami (Art. 836(1)(f), timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ ... Din it-tifsira toħroġ mill-kliem* ***'jinżamm'*** *u* ***'aktar meħtieġ'*** *li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn* ***jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ.*** *(***Spiteri*** **vs** ***Darmanin*** *- PA - provvediment mogħti fil-25 ta' Awwissu 2010)*[5]*;*

15. *Illi ċ-ċirkostanzi mid-data tal-ħruġ tal-mandat kawtelatorju sal-lum għadhom l-istess u għaldaqstant, il-mandat odjern huwa meħtieġ, ġustifikat u raġonevoli li jibqa' fis-seħħ.*

16. *Illi s-soċjetà intimata tibbaża l-argumenti tagħha għar-revoka tal-mandat odjern fuq il-fatt li 'l-bank FIMBank plc huwa rinomat li ma jħalli ebda dubbju dwar is-solvenza tiegħu' u li tali informazzjoni setgħet tiġi vverifikata mis-soċjetà rikorrent tant li saħansitra preżentat dokument '*Statement of Financial Position*' għas-sena 2019 biex jipprova dan.*

---

[5] Aspider Solutions Malta Limited *vs* Redtouch Fone Limited, Rikors Revoka nru. 529/2019 RGM, deċiż 26 ta' Ġunju 2020 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Onor. Imħallef Robert Mangion, p. 10 u 11.

17. *Illi l-każistika kkwotata mis-soċjetà intimata biex tiġġustifika dawn l-argumenti hija bbażata fuq kawża li ġiet deċiża fis-sena 2011. Minn dak iż-żmien 'l hawn żewġ banek; SATA Bank u NEMEA Bank għalqu, għaldaqstant qatt ma tista' tkun ċert li tali pożizzjoni finanzjarja ta' bank ser tibqa' li tkun tul il-mori tal-proċeduri kollha. Hekk kif iddikjarat mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili:*

    "Għalkemm inġabet prova bħala dokument imniżżel mis-sit elettroniku fuq il-*capital strength* tal-kumpannija sal-2018 li turiha bħala waħda tajba ħafna però ġia għaddew sentejn mid-dokument preżentat u l-kawża tieħu ftit tul ta' żmien speċjalment jekk isir appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk is-sitwazzjoni finanzjarja tas-soċjetà assikuratriċi ma jistax jiġi previst fuq tul ta' snin u għad jonqos tul ta' żmien biex tiġi terminata l-vertenza."[6]

    *Illi aktar minn hekk, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet kemm-il darba li:*

    "Għalkemm inġiebet prova li s-soċjetà sekwestranti għandha qagħda finanzjarja tajba, ma jfissirx b'daqshekk li s-soċjetà sekwestranti ma għandhiex tikkawtela l-pretensjoni tagħha sakemm din tkun waħda raġonevoli u mhix intiża biss biex tirrikatta lill-avversarju."[7]

18. *Illi s-soċjetà intimata irriteniet ukoll li, "Acemar kellha, almenu tavviċina lill-istess bank u jitolbu garanzija adegwata għal din il-pretensjoni."*

    *Illi huwa assurd li s-soċjetà intimata ppretendiet li s-soċjetà rikorrent tavviċina lis-soċjetà intimata għal ħruġ ta' garanzija sabiex il-kreditu dovut lilha ma jiġix eluż meta fl-iskambji ta' korrispondenza li saru bejn is-soċjetajiet mhux talli din il-proposta ma saritx imma talli s-soċjetà intimata nnegat kompletament l-akkadut billi rrespinġiet it-talba għal rifużjoni tal-flus u di più sejħet it-talba infondata u spekulattiva.*[8]

19. *Minkejja dawn l-asserzjonijiet kollha ta' likwidità finanzjarja s-soċjetà rikorrent ma kellhiex ċertezza da parti tas-soċjetà intimata li flusha kienu ser jiġu rifużi b'hekk ma hemm l-ebda lok għal ħlas ta' penali f'dan ir-rigward.*

    ***Għaldaqstant is-soċjetà rikorrent titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjetà intimata filwaqt li tikkonferma l-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 776/2020 fl-ismijiet 'Av. Cedric Mifsud (KI 196979M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Acemar AG*** **vs** ***Fimbank plc C17003' akkordat fl-24 ta' Ġunju 2020.***

[6] L-Av. Jotham Scerri-Diacono bħala mandatarju speċjali f'isem u għan-nom tas-soċjetà estera Navigazione Montanari Sp/a *vs* M/V 'Elaura' IMO nru. 9176591, rikors ġuramentat numru 168/2020, deċiża nhar it-22 ta' Ġunju 2020, mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Onor. Imħallef Mark Chetcuti, p. 3.

[7] Integrated Business Systems Limited *vs* Crimsonwing plc, fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 1147/2017 deċiż nhar l-4 ta' Settembru 2017, mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, presjeduta mill-Onor. Imħallef Mark Chetcuti, p. 4.

[8] Ittra legali tas-soċjetà sekwestrata, datata 1 ta' Mejju 2020.

Rat l-atti kollha ta' dan ir-rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju 2020, fejn ir-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza finali.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-bank rikorrent qiegħed ressaq dawn il-proċeduri sabiex jitlob ir-revoka ta' mandat ta' qbid kawtelatorju maħruġ kontra tiegħu u li ġie nnotifikat lilu, fl-ammont ta' tmien mija u wieħed u erbgħin elf, disa' mija u wieħed u erbgħin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€841,941.45), liema revoka qiegħda tintalab *ai termini* tal-artikoli 836 (1)(b) u 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-mandat ta' qbid inħareġ ad istanza tal-Avukat Cedric Mifsud nomine wara li allegatament sar *phishing* jew *hacking attack* fuq waħda mis-sistemi kompjuterizzati ta' xi wieħed mill-partijiet f'dawn il-proċeduri, għalkemm f'dan l-istadju mhux ċar, u lanqas hemm qbil bejn il-partijiet, dwar min minnhom kien li sofra dan l-attakk fuq is-sistemi tal-informatika tiegħu. L-Avukat Cedric Mifsud għan-nom tas-soċjetà estera Acemar AG jikkontendi li aktar kmieni din is-sena, il-kumpannija rappreżentata minnu kienet tat struzzjonijiet lill-bank rikorrent sabiex jittrasferixxi ammont ta' flus ($950,000) f'kont tal-istess soċjetà f'bank Żvizzeru, liema flejjes minflok ġew iddepożitati f'kont bankarju ta' terzi fil-Kroazja, u jsostni li dan seħħ konsegwenza tal-interċezzjoni illeċita tal-korrispondenza elettronika li kien hemm bejn il-partijiet. Acemar AG tgħid li FIMbank kien negliġenti fl-ipproċessar tal-istruzzjonijiet li ngħatawlu, filwaqt li FIMbank min-naħa tiegħu laqa' għal din l-allegazzjoni billi qal li

huwa mexa bi proċeduri bankarji normali sabiex ipproċessa t-talbiet tal-klijenti tiegħu. Wara li bejn il-partijiet ġiet skambjata korrispondenza li ma wasslitx biex ġiet riżolta din il-kwistjoni, l-Avukat Mifsud nomine talab il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kif ukoll ta' mandat ta' qbid sabiex jikkawtela l-pożizzjoni tas-soċjetà estera rappreżentata minnu, u dan wara li mill-korrispondenza bejn il-partijiet jirriżulta li dawn il-fondi li jappartjenu lis-soċjetà estera Acemar AG, illum ġew iddepożitati f'isem terzi.

Permezz ta' dan ir-rikors, FIMbank qiegħed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' qbid, wara li spjega li min-naħa tiegħu m'hemm ebda riskju li l-kreditu pretiż jista' jisfa eluż, u għalhekk ma jistax jitqies li huwa raġonevoli jew ġustifikabbli li dan il-mandat jinżamm fis-seħħ. FIMbank żied jgħid li l-mandat inkwistjoni ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi u huwa nieqes mill-elementi neċessarji għall-ħruġ tiegħu, u dan wara li fil-mandat innifsu ma ngħatat l-ebda indikazzjoni ta' x'inhuma l-oġġetti li kellhom jiġu maqbuda, u fejn qegħdin jinqabdu jew jinżammu, filwaqt li attwalment FIMbank ġie notifikat bil-mandat, iżda l-flejjes ma ġewx elevati mill-pussess tal-bank. FIMBank jgħid li l-flus kontanti m'għandhomx ikunu suġġetti għal mandat ta' qbid, stante li l-flus huma *res fungibiles* li ma jistgħux jinbiegħu bis-subbasta f'każ li xi Qorti ssib li l-allegat kreditur għandu raġun fil-pretensjoni tiegħu. FIMbank argumenta wkoll li f'dan il-każ m'hemmx riskju li l-kreditu jista' jiġi eluż, u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għalfejn dan il-mandat għandu jinżamm fis-seħħ, għaliex mandati kawtelatorji għandhom jinħarġu kemm-il darba ċ-ċirkostanzi tal-allegat debitur jagħtu x'jifhem lill-allegat kreditur li l-pretensjoni tiegħu mhix ser tiġi onorata. FIMbank sostna li f'dan il-każ, bħala bank huwa jgawdi l-pożizzjoni ta' *public limited company,* b'ishma kkwotati fuq il-Borża, u hu liċenzjat bħala *credit*

*institution,* fatturi dawn li jnaqqsu r-riskju li l-kreditu pretiż jista' jisfa eluż. Żied jgħid li bħala istituzzjoni finanzjarja m'għandu jkun hemm l-ebda dubju dwar is-solvenza tiegħu, u li l-aġir tal-Avukat Mifsud għan-nom ta' Acemar AG xekklu l-operat ġornaljier tiegħu u kkawżalu problemi ta' natura operazzjonali ma' banek oħra.

L-Avukat Cedric Mifsud nomine fir-risposta tiegħu spjega li dak li wassal għall-vertenza odjerna kien il-fatt li s-soċjetà Acemar AG kienet tat struzzjonijiet lill-bank rikorrent sabiex jittrasferixxi l-ammont ta' disa' mija u ħamsin elf Dollaru Amerikan ($950,000) mill-kont tagħha f'kont bankarju tas-soċjetà mal-Banque Cantonale de Gèneve fl-Iżvizzera, iżda minflok l-istruzzjonijiet li rċieva l-bank kienu jgħidu li dawn il-flejjes kellhom jiġu ddepożitati f'bank fil-Kroazja. Intqal li dan kien konsegwenza ta' ksur tas-sigurtà fis-sistema elettronika tal-bank, u li dan il-fatt kien ġie rikonoxxut mill-bank, tant hu hekk li fil-25 ta' Mejju, 2020, il-bank rikorrent kien informa lill-klijenti tiegħu li huwa kien vittma ta' *phishing attack.* Intqal ukoll li l-bank rikorrent messu kien jaf li s-soċjetà Acemar AG m'għandha l-ebda kontijiet f'banek fil-Kroazja. L-Avukat Mifsud għan-nom tal-mandanti tiegħu, spjega li minkejja li l-mandat ta' qbid kien ġie notifikat lil FIMbank, il-flus ma ġewx elevati mill-pussess tal-bank, iżda dan ma jfissirx li l-mandat ta' qbid ma sarx skont il-liġi. Żied jispjega li flus kontanti jistgħu jinqabdu b'dan il-mod fis-sistema tagħna, u li l-artikolu 284(2)(b) tal-Kap. 12 jipprovdi dwar x'għandu jsir meta jinqabdu u jiġu elevati flejjes mill-pussess ta' allegat debitur. Ġie eċċepit ukoll li minkejja li l-artikolu 293 tal-Kap. 12 jagħti lista eżawrjenti ta' oġġetti li mhumiex suġġetti għall-qbid, imkien f'din il-lista ma jissemmew flus kontanti.

B'riferiment għad-difiża tal-bank rikorrent li dan il-mandat la huwa meħtieġ, la huwa ġustifikat u lanqas mhu raġonevoli li jinżamm fis-seħħ, is-soċjetà intimata wieġbet li minkejja li kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet, il-bank rikorrent qatt ma pprometta li ser iħallas il-flus lura, u l-istess bank dam għaxart ijiem sabiex ressaq proċeduri kriminali wara li seħħ l-akkadut.

## Provi u riżultanzi

Flimkien mar-rikors promutur FIMBank plc ppreżenta kopja ta' ittra mibgħuta mill-Avukat Cedric Mifsud lil Andrea Batelli, Viċi President Eżekuttiv tal-FIMBank plc, fis-27 ta' April, 2020.[9] F'din l-ittra sar riferiment għal struzzjonijiet li ngħataw minn rappreżentant tas-soċjetà Acemar AG lill-FIMBank fil-15 ta' April, 2020, sabiex isir trasferiment ta' flus minn kont bankarju miżmum minn Acemar AG ma' FIMBank plc, għal kont ta' din is-soċjetà f'bank Żvizzeru, u dan fl-ammont ta' disa' mija u ħamsin elf Dollaru Amerikan ($950,000), liema struzzjonijiet ġew irċevuti minn FIMBank plc. F'din l-ittra ġie allegat mill-Avukat Cedric Mifsud nomine li wara li ngħataw dawn l-istruzzjonijiet, FIMBank plc sofra minn *phishing* jew *hacking* fuq is-sistemi kompjuterizzati tiegħu, bir-riżultat li l-istruzzjonijiet mogħtija nbidlu sabiex minflok it-trasferiment isir f'kont f'bank Żvizzeru, it-trasferiment isir f'kont f'bank fil-Kroazja. F'din l-ittra ntqal ukoll li mill-evidenza forensika disponibbli għall-partijiet, ma kinitx is-soċjetà Acemar AG li sofriet minn dan il-*phishing* jew *hacking* fuq is-sistemi tagħha, għalkemm kienet hija li sfat derubata mill-fondi tagħha, u FIMBank plc kien negliġenti fil-mod kif

[9] *A fol.* 7 tal-proċess.

ipproċessa l-istruzzjonijiet mogħtija lilu, minħabba li fid-dawl tar-relazzjoni kummerċjali li l-partijiet għandhom bejniethom, il-bank kien jaf li s-soċjetà Acemar AG m'għandha l-ebda kontijiet bankarji fil-Kroazja.

Ir-rikorrent FIMBank plc ppreżenta wkoll kopja ta' ittra mibgħuta lill-Avukat Cedric Mifsud għan-nom ta' Acemar plc fl-1 ta' Mejju, 2020[10], fejn il-bank ċaħad l-allegazzjoni li huwa pproċessa t-tranżazzjonijiet tas-soċjetà Acemar AG b'mod negliġenti, jew li kien huwa li sofra l-*phishing* jew *hacking attack* fuq is-sistemi kompjuterizzati tiegħu.

Din l-ittra ta' FIMBank plc kienet segwita minn ittra mibgħuta mill-Avukat Cedric Mifsud għan-nom ta' Acemar AG lil Andrea Batelli fis-7 ta' Mejju, 2020[11], fejn għal darb'oħra l-Avukat Mifsud insista li kien hemm negliġenza da parti ta' FIMBank plc, u fejn għal darb'oħra saret talba għar-rifużjoni tal-ammont ta' disa' mija u ħamsin elf Dollaru Amerikan ($950,000) involuti fit-tranżazzjoni bankarja.

FIMBank plc ippreżenta wkoll kopja ta' ittra uffiċjali ppreżentata fl-20 ta' Mejju, 2020 li permezz tagħha l-Avukat Cedric Mifsud għan-nom ta' Acemar AG interpella lil FIMBank plc għall-ħlas tas-somma ta' disa' mija u ħamsin elf Dollaru Amerikan ($950,000), rappreżentanti somma ta' flus f'kont bankarju tal-mittent ma' FIMBank plc, liema somma ġiet trasferita lil terzi mingħajr l-awtorizzazzjoni neċessarja, u dan minkejja li r-rikorrent FIMBank plc kien

[10] *A fol.* 9 tal-proċess.
[11] A fol. 11 tal-proċess. F'din l-ittra intqal illi, *"Aside from the facts that led to the loss of funds, your letter fails to advise what you have undertaken as a bank to recover the sum lost. You also failed to indicate whether you have reported this incident to the Central Bank as a major operational or security incident as defined by Article 19C and 19D of Chapter 371 of the Laws of Malta (the 'Banking Act'). If it has been reported, you are then asked to advise the date of such report. Moreover my client requires you to detail the steps that have been undertaken in relation to Zagrebacka Banka, in particularly whether a formal instruction was made to the Croatian bank to recover the funds. For this purpose my client requires you to produce the SWIFT you communicated to Zagrebacka Banka requesting the return of the funds and their relevant responses if any. My client would expect that this SWIFT is dated the day my client informed you of the disappearance of the funds. The omission of information on your actions proves that you are not driven to safeguard my client's rights."*

ġie mwissi biex ma jagħmilx dan it-trasferiment.[12] Ir-rikorrent ippreżenta wkoll kopja tar-risposta tiegħu għal din l-ittra.[13] Il-bank rikorrent ippreżenta wkoll kopja tal-*Istatements of financial position* għas-sena 2018-2019 bħala prova tal-pożizzjoni finanzjarja u l-likwidità tiegħu.[14]

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Permezz tat-talba tiegħu, il-bank rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti tirrevoka l-mandat ta' qbid bin-numru 776/2020, li kien ġie maħruġ fuq talba tal-Avukat Cedric Mifsud għan-nom ta' Acemar AG, kumpannija estera, u dan *ai termini* tal-artikolu 836(1)(b) u (f) tal-Kap. 12, billi r-rikorrent FIMBank sostna li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli, meħtieġ jew ġustifikabbli li dan il-mandat jinżamm fis-seħħ. Ir-revoka tal-mandat qiegħda tintalab ukoll għaliex skont ir-rikorrent FIMBank, waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju m'għadhiex teżisti. Il-Qorti semgħet lill-partijiet jispjegaw li xi ħadd minnhom sofra *phishing* jew *hacking attack,* għalkemm f'dan l-istadju għadu mhux magħruf min mill-partijiet sofra dan l-attakk fuq is-sistema tal-informatika tiegħu. Konsegwenza ta' dan il-ksur fis-sistema tas-sigurtà tal-informatika ta' xi wieħed mill-partijiet, struzzjonijiet li ġew mogħtija mis-soċjetà Acemar AG sabiex ir-rikorrent FIMBank jittrasferixxi l-ammont ta' disa' mija u ħamsin elf Dollaru Amerikan ($950,000) f'kont f'bank Żvizzeru, ġew interċettati b'mod illeċitu, u l-istruzzjonijiet mogħtija ġew mibdula fis-sens li t-trasferiment li kellu jsir f'kont tas-soċjetà Acemar AG f'bank Żvizzeru, minflok spiċċa sar f'kont ta' terzi f'bank fil-Kroazja. Konsegwenza ta' dan, il-kumpannija Acemar

[12] *A fol.* 13 tal-proċess.
[13] *A fol.* 17 tal-proċess.
[14] *A fol.* 18 tal-proċess.

AG qiegħda tallega li hija sfat derubata mill-imsemmi ammont li kellu jiġi trasferit fil-kont tagħha. Is-soċjetà intimata tgħid li dan kollu sar minħabba li r-rikorrent FIMBank naqas milli juża d-diliġenza bankarja meħtieġa u naqas milli jagħmel il-verifiki neċessarji qabel ittrasferixxa dan l-ammont sostanzjali ta' flus, li llum jinsab fil-pussess ta' terzi. Ir-rikorrent FIMBank sostna li dan il-mandat ta' qbid ma kienx meħtieġ fiċ-ċirkostanzi, u talab li jiġi revokat, kemm għaliex il-mandat ma sarx skont ir-rekwiżiti tal-liġi u huwa nieqes mill-elementi neċessarji għall-ħruġ tiegħu, kif ukoll għaliex m'hemm l-ebda riskju li l-kreditu pretiż mis-soċjetà intimata jista' jiġi eluż, u għalhekk iż-żamma fis-seħħ ta' dan il-mandat mhix ġustifikata, raġonevoli jew meħtieġa.

Ir-rikorrent FIMBank qiegħed isostni li l-mandat ta' qbid ma jistax jintuża sabiex jinqabdu u jiġu elevati flus kontanti, għaliex dawn ma jistgħux jinbiegħu bil-proċedura tas-subbasta sabiex permezz tar-rikavat tagħhom jiġi sodisfatt il-kreditu pretiż mill-allegat kreditur. Ġie ppreċiżat ukoll li f'dan il-każ, minkejja li l-mandat inkwistjoni ġie nnotifikat lir-rikorrent FIMBank, il-qbid ma ġiex eżegwit u l-flejjes milquta ma ġewx elevati mill-pussess tal-bank rikorrent. Il-Qorti tagħmel riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 284(2)(b) tal-Kap. 12, li jispeċifika li fost l-oġġetti li jistgħu jiġu maqbuda mill-uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti hemm flejjes u titoli oħra li jistgħu jissarrfu fi flus. Il-fatt li l-flus maqbuda ma jistgħux jinbiegħu bil-proċedura tas-subbasta m'għandux iwaqqaf lill-allegat kreditur milli jipprova jikkawtela l-pożizzjoni tiegħu b'kull mod possibbli u bil-mezzi kollha li ttih il-liġi, inkluż f'dan il-każ billi jaqbad dawk l-assi li l-aktar li jistgħu jissodisfaw il-pretensjoni tiegħu, f'dan il-każ, flus kontanti. Jekk xejn, il-fatt li l-oġġett tal-qbid ikunu flus kontanti, jelimina l-ħtieġa li jkun hemm il-bżonn li ssir il-proċedura tal-bejgħ bl-irkant tal-oġġetti

elevati, għaliex dawk il-flejjes ikunu jistgħu jintużaw biex jissodisfaw il-kreditu pretiż.

Ir-rikorrent FIMBank isostni wkoll li l-proċedura tal-mandat ta' qbid ma kellhiex għalfejn tintuża fil-konfront tiegħu bħala istituzzjoni finanzjarja liċenzjata, u dan għaliex il-proċeduri kawtelatorji għandhom jintużaw biss fejn l-allegat kreditur ikollu biżgħa fondata li l-kreditu tiegħu jista' jiġi eluż. Żied jispjega li f'dan il-każ, fejn l-allegat debitur huwa bank, ċertament li m'hemmx din il-biżgħa jew tħassib dwar il-likwidità jew dwar l-istabbilità tal-qagħda finanzjarja tiegħu. Ir-rikorrent FIMBank sostna li l-banek huma regolati b'għadd ta' liġijiet u regolamenti, u prova dwar il-qagħda finanzjarja tal-bank għandha tkun suffiċjenti sabiex l-allegat kreditur jassigura ruħu li mhux ser jisfa eluż fil-pretensjoni tiegħu.

Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata teċċepixxi li sabiex il-Qorti tilqa' dan il-kontromandat trid issir analiżi dwar jekk ir-rekwiżiti msemmija fl-artikolu 836(1)(b) u (f) tal-Kap. 12 humiex sodisfatti, jiġifieri, jekk xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' qbid ma tkunx għadha teżisti, u jekk il-mandat huwiex raġonevoli, jekk huwiex aktar meħtieġ, u jekk huwiex ġustifikabbli fiċ-ċirkostanzi. Il-Qorti semgħet kif f'dan il-każ, kumpannija estera, Acemar AG kellha flus iddepożitati ma' FIMBank plc, u din sfat derubata minn dawn il-flus wara li kienet tat struzzjonijiet lir-rikorrent FIMBank sabiex jittrasferixxi dawn il-flejjes f'kont bankarju tagħha fl-Iżvizzera, u minflok dawn il-flus ġew iddepożitati f'kontijiet ta' terzi f'bank fil-Kroazja. Intqal li quddiem din is-sitwazzjoni, fejn flejjes iddepożitati mar-rikorrent FIMBank għebu mill-kontijiet ta' Acemar AG, it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' qbid fuq il-flus kontanti ta' FIMBank hija waħda raġonevoli u ġustifikabbli. Ġie

spjegat ukoll li mill-korrispondenza li kellhom bejniethom il-partijiet, ma ntweriex spirtu ta' rieda tajba min-naħa tar-rikorrent FIMBank, li qabel beda jiddiskuti l-problema tal-intimat nomine u l-fatt li dan qiegħed jallega li mill-kontijiet tal-kumpannija rappreżentata minnu għebu kważi miljun Dollaru Amerikan, qajjem dubji dwar jekk l-Avukat Cedric Mifsud hux qiegħed jirrappreżenta l-interessi tas-soċjetà Acemar AG. Punt ieħor li tqajjem kien li r-rapport lill-Pulizija dwar il-każ da parti tar-rikorrent FIMBank sar għaxart ijiem wara li kien magħruf li l-imsemmi ammont ta' flus kien 'għeb' mill-kont ta' Acemar AG.

It-talba għar-revoka ta' dan il-mandat qiegħda ssir *ai termini* tal-artikolu 836(1)(b) u (f) tal-Kap. 12, li jispeċifika illi:

> "(1) L-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih, jista' jagħmel rikors lill-Qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-Qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
> ...
> (b) Li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;
> ...
> (f) Jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżammu fis-seħħ l-att kawtelatorju, jew parti minnu, jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."

Ir-rikorrent FIMBank qiegħed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' qbid kawtelatorju għaliex mhuwiex raġonevoli, u lanqas mhuwa meħtieġ jew ġustifikabbli li dan il-mandat ta' qbid jinżamm fis-seħħ, u li ż-żamma fis-seħħ ta' dan il-mandat qiegħda taffettwa lir-rikorrent FIMBank fl-operazzjonijiet ġornaljieri tiegħu u fir-relazzjoni tiegħu ma' banek u ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħra. Fl-istess

waqt il-Qorti qiegħda żżomm quddiem għajnejha li t-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat kienet immotivata mill-fatt li kważi miljun Dollaru Amerikan ġew ittrasferiti f'kont bankarju ta' terzi wara *hacking attack* li sar fuq is-sistema tal-informatika ta' waħda mill-partijiet fil-proċeduri, u konsegwenza ta' hekk il-kumpannija Acemar AG attwalment tinsab imċaħħda mill-flus tagħha fl-ammont imsemmi. Il-Qorti kkonsidrat li l-mandat ta' qbid intalab sabiex l-allegat kreditur, Acemar AG, ikun assigurat li d-drittijiet tiegħu mhumiex ser jisfaw elużi f'każ li kawża fil-mertu jkollha eżitu favorevoli għalih. Min-naħa l-oħra, il-Qorti ma tistax tinjora l-effetti li mandat ta' din ix-xorta jista' jkollu fuq l-allegat debitur u s-solvenza tiegħu kif ukoll l-abbiltà tiegħu li jibqa' jagħmel atti ta' kummerċ minkejja li f'qasir żmien isib ruħu ffaċċjat b'mandat ta' qbid ta' aktar minn tmien mitt elf Euro. Il-Qorti trid tagħraf tiżen ukoll x'ser jiġri f'każ li l-kreditu pretiż mis-soċjetà intimata ma jibqax ikkawtelat kif mitlub, iżda l-kawża fil-mertu tiġi deċiża favur tagħha. Is-soċjetà intimata għamlet riferiment għal istanzi fejn banek li kienu joperaw lokalment u li fl-aħħar snin itteħditilhom il-liċenzja bankarja, sabiex isostni l-argument tagħha li l-att kawtelatorju mitlub minnhom huwa wieħed ġustifikat u raġonevoli. Il-Qorti, filwaqt li hija konxja tas-sitwazzjonijiet li jqajmu dawn il-preokkupazzjonijiet f'moħħ l-allegat kreditur odjern, tissenjala li fil-każijiet imsemmija mill-intimata kien hemm xhur ta' investigazzjonijiet fuq l-operat tal-banek inkwistjoni, li eventwalment wasslu għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet regolatorji li l-liċenzji ta' dawn il-banek għandhom jiġu revokati. Minkejja li l-Qorti m'għandha l-ebda ballun tal-kristall dwar dak li jista' jiġri fil-futur, ma jirriżultax li tresqu xi ilmenti jew saru xi investigazzjonijiet fuq il-bank rikorrent li jistgħu jwasslu biex dan titteħidlu l-liċenzja bankarja. Lanqas ma jirriżulta li f'każ li l-kawża fil-mertu tiġi deċiża favur s-soċjetà intimata, ser ikun hemm xi

problema biex il-kreditu pretiż jitħallas mir-rikorrent, u dan għaliex is-solvenza tiegħu ġiet ippruvata. Fl-istess ħin il-Qorti qiegħda żżomm quddiem għajnejha li ż-żamma fis-seħħ ta' dan il-mandat hija sors mhux biss ta' skomdu, iżda wkoll ta' imbarazzament għal operatur fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u din is-sitwazzjoni tista' xxekklu fl-operat tiegħu ta' kuljum u fir-relazzjonijiet tiegħu ma' terzi. Il-Qorti tirrileva wkoll li huwa evidenti li s-soċjetà intimata tinsab preokkupata mhux minħabba l-biżgħa li l-kreditu pretiż minnha jiġi eluż, imma għax ir-rikorrent FIMBank għadu ma ħallashiex lura s-somma li ġiet derubata minnha, tant hu hekk tgħid "li minkejja li kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet, il-bank rikorrent qatt ma pprometta li ser iħallas il-flus lura". Din però hija l-qofol tal-kwistjoni fil-mertu, li ċertament ma tistax tiġi ttrattata fl-ambitu ta' dawn il-proċeduri.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li ż-żamma fis-seħħ tal-mandat mhijiex meħtieġa, raġonevoli jew ġustifikabbli fiċ-ċirkostanzi, u għalhekk qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrent għar-revoka tal-imsemmi mandat ta' qbid *ai termini* tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba ta' FIMBank plc billi tordna r-revoka tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 776/2020.**

**L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Mogħti kameralment fit-2 ta' Settembru, 2020.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**